IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.5.2018
COM(2018) 321 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027

{SWD(2018) 171 final}

1. BAĠIT ĠDID U MODERN GĦALL-UNJONI TA' 27

Darba kull seba' snin, l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dwar il-baġit fit-tul tagħha - il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-baġit li jmiss, li jibda mill-1 ta' Jannar 2021, se jkun l-ewwel wieħed għall-Unjoni Ewropea ta' 27.

Dan huwa mument kruċjali għall-Unjoni tagħna. Huwa opportunità għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jingħaqdu madwar viżjoni ċara għall-futur tal-Ewropa. Huwa żmien sabiex jintwera b'mod inekwivoku li l-Unjoni hija lesta li tappoġġa kliemha bil-miżuri meħtieġa sabiex inwasslu l-viżjoni komuni tagħna. Baġit tal-UE modern u ffukat jgħin sabiex tkompli tingħata l-ħajja lill-aġenda pożittiva proposta mill-President Jean-Claude Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2016[1] u miftiehem mill-Mexxejja tas-27 Stati Membri fi Bratislava fis-16 ta' Settembru 2016, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017. Baġit tal-UE modern u ffukat jgħin sabiex l-Unjoni tkun influwenti fuq il-kwistjonijiet iktar serji u inqas fuq kwistjonijiet żgħar, kif miftiehem f'Ruma.

In-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali qegħdin isiru fi żmien ta' dinamiżmu ġdid għall-Unjoni, iżda wkoll ta' sfidi kbar. L-Unjoni ħadmet b'mod konkret fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja sabiex twaqqaf pedament sod għal irkupru sostenibbli. L-ekonomija qiegħda tikber u toħloq l-impjiegi. L-attenzjoni tal-Unjoni hija dejjem aktar iffukata fuq l-għoti ta' riżultati effiċjenti u ġusti f'dawk l-oqsma li verament għandhom valur fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. U li dan isir għaċ-ċittadini kollha fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni. Is-sejħa tal-President Juncker biex negħlbu dak li jifridna u biex l-Unjoni ssir aktar magħquda, b'saħħitha u aktar demokratika[2] għandha għalhekk tiġi riflessa wkoll fit-tfassil tal-baġit il-ġdid.

L-għażliet li se jsiru fix-xhur li ġejjin se jsawwru lill-Unjoni għad-deċennji li ġejjin. Ir-riskji huma kbar ħafna. Il-bidla teknoloġika u demografika qiegħda tbiddel l-ekonomiji u s-soċjetà tagħna. It-tibdil tal-klima u r-riżorsi skarsi qegħdin iġagħluna nagħtu ħarsa serja lejn kif nistgħu niżguraw li l-istil ta' ħajja tagħna jkun sostenibbli. Il-qgħad, l-aktar fost iż-żagħżagħ, baqa' għoli f'ħafna partijiet mill-Ewropa. It-theddid il-ġdid għas-sigurtà jeħtieġ rispons ġdid. Il-kriżi tar-refuġjati, ikkawżata mill-gwerra u t-terrur fil-viċinat tal-Ewropa, uriet il-bżonn li nsaħħu l-kapaċità ta' ġestjoni tal-pressjonijiet migratorji u li nindirizzaw il-kawżi ewlenija tagħhom. L-instabbiltà ġeopolitika qiegħda tiżdied u l-valuri u l-prinċipji demokratiċi li fuqhom hija bbażata l-Unjoni tagħna qegħdin jiġu sfidati.

Il-proposti ppreżentati llum mill-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 se jgħinu fir-rispons għal dawn l-opportunitajiet u sfidi. Huma l-prodott ta' dibattitu miftuħ u inklużiv. Il-Kummissjoni ppreżentat diversi għażliet għall-baġit futur tal-UE fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Frar 2018[3]. Il-Kummissjoni semgħet bir-reqqa lill-Parlament Ewropew[4], lill-Istati Membri, lill-Parlamenti nazzjonali, lill-benefiċjarji tal-fondi Ewropej u lil partijiet ikkonċernati oħra. Il-konsultazzjonijiet miftuħa għall-pubbliku li saru iktar kmieni din is-sena ġġeneraw aktar minn 11 000 tweġiba.

---

1 Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016: "Lejn Ewropa aħjar – Ewropa li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi".

2 Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017: "Nisfruttaw ir-riħ fil-qala'".

3 COM(2018) 98.

4 Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar "Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss: Il-preparazzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2020 ((2017/2052(INI))" u dwar ir-"Riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2017/2053(INI))".

Il-Kummissjoni qegħda tipproponi baġit fit-tul ġdid u modern, iffukat ħafna fuq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni ta' 27. Il-baġit propost jgħaqqad strumenti ġodda flimkien ma' programmi modernizzati sabiex il-prijoritajiet tal-Unjoni jinkisbu b'mod effiċjenti u biex jilqa' għal sfidi ġodda. Il-proposti juru wkoll kif il-finanzjament tal-baġit jista' jiġi ssimplifikat u riformat sabiex tissawwar rabta aktar b'saħħitha mal-prijoritajiet politiċi. Dawn il-proposti huma mfassla sabiex ikollhom impatt uniku fuq it-twaqqif ta' Ewropa sikura, għanja u koeżiva. Dan jagħmluh billi jiffukaw fuq l-oqsma fejn l-Unjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex twassal.

F'kull qasam, il-Kummissjoni tipproponi l-livell ta' finanzjament li se jkun meħtieġ sabiex nonoraw l-ambizzjonijiet kollettivi tagħna. Il-proposti leġiżlattivi għall-programmi futuri ta' finanzjament individwali se jaslu fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-proposti jwieġbu wkoll b'mod realistiku u bilanċjat għall-konsegwenzi baġitarji tal-irtirar tar-Renju Unit. It-tluq ta' kontributur importanti għall-baġit tal-Unjoni se jkollu impatt finanzjarju u l-Qafas Finanzjarju futur irid iqisu wkoll. Iż-żamma ta' livell ta' appoġġ li jaqbel mal-ambizzjonijiet tagħna fl-oqsma prijoritarji se teħtieġ kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri kollha b'mod bilanċjat u ġust. Fl-istess ħin, għandu jsir kull sforz sabiex il-baġit tal-UE jsir aktar effiċjenti. Il-Kummissjoni qed tipproponi li jkun hemm tfaddil f'uħud mill-oqsma ewlenin ta' nfiq u riformi fil-baġit sabiex ikun aktar simplifikat u jsir l-aħjar użu minn kull Euro.

L-Ewropa tinsab f'nofs l-akbar dibattitu dwar il-futur tagħha għal ġenerazzjoni. Id-dibattitu tnieda mill-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa, ippubblikata fl-1 ta' Marzu 2017[5] u se jilħaq il-quċċata tiegħu fil-Laqgħa Informali tal-Mexxejja f'Sibiu, ir-Rumanija fid-9 ta' Mejju 2019. Fil-ġimgħat qabel ma ċ-ċittadini Ewropej imorru jivvutaw, il-Mexxejja tas-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew għandhom jieħdu l-opportunità sabiex jiddefendu l-Ewropa li jridu u sabiex jagħtu lill-Ewropa l-mezzi biex tikseb ir-riżultati. Progress deċiżiv fuq il-baġit fit-tul futur sa issa jagħti messaġġ b'saħħtu ta' rieda u determinazzjoni biex nimxu 'l quddiem flimkien.

L-2019 se tkun bidu ġdid għall-Unjoni tagħna ta' 27. Irridu nkunu lesti għaliha. Iż-żmien huwa ftit sabiex inwaqqfu l-qafas il-ġdid u niżguraw li l-programmi l-ġodda jkunu lesti jagħtu riżultati għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE mill-ewwel. Il-baġit il-ġdid tal-UE se jkun baġit iktar sempliċi, flessibbli u ffukat. Baġit iggwidat mill-prinċipji ta' prosperità, sostenibbiltà[6], solidarjetà u sigurtà. Baġit għal Unjoni Ewropea li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi. Baġit li jgħaqqad u li ma jifridx. Baġit li huwa ġust għall-Istati Membri kollha. Baġit għall-futur tal-Ewropa. Il-ħidma għal dan il-għan trid tibda issa.

2. L-IMMODERNIZZAR TAL-BAĠIT TAL-UE

Il-baġit tal-UE ilu ħafna sors vitali ta' investiment li jtejjeb it-tkabbir għall-Ewropa kollha. Anki fi żminijiet ta' kriżi, bis-saħħa tiegħu l-Unjoni setgħet tappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi u tmexxi l-innovazzjoni fit-tul u r-riforma ekonomika. Il-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ("il-Fond Juncker") juri kif il-baġit tal-UE kien kapaċi jagħti spinta siewja ħafna għall-irkupru ekonomiku tal-Ewropa f'mument kritiku. Il-baġit tal-UE

[5] COM(2017) 2025.

[6] Fl-aħħar tas-sena l-Kummissjoni se tadotta Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030, dwar is-segwitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima" sabiex tiddiskuti kif għandhom jiġu integrati aktar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fit-tfassil tal-politiki tal-UE.

kien ukoll parti deċiżiva tar-rispons tagħna għal ħafna sfidi serji li għandna, mill-flussi migratorji fuq skala kbira, theddid għas-sigurtà u t-tibdil fil-klima.

L-esperjenza riċenti wriet ukoll xi dgħufijiet fil-qafas attwali. Minkejja xi titjib, il-baġit tal-UE għadu wisq strett. Nuqqas ta' flessibbiltà żamm lill-Ewropa milli tirreaġixxi malajr u b'mod effettiv biżżejjed f'dinja li qed tinbidel b'mod mgħaġġel. L-aċċess għall-finanzjament mill-UE huwa aktar diffiċli minħabba regoli dwar il-finanzjament kumplessi u diverġenti li jtellfu l-attenzjoni wkoll minn dak li vera jgħodd: il-kisba ta' riżultati fil-prattika. Il-fondi huma mifruxa fuq wisq programmi u strumenti, kemm ġewwa u barra l-baġit. Għad fadal xi jsir sabiex jiġu modernizzati u ssimplifikati l-akbar żewġ oqsma ta' nfiq mill-baġit, jiġifieri l-Politika Agrikola Komuni u l-Politika ta' Koeżjoni. Ħafna mill-prijoritajiet il-ġodda għal Unjoni li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi għandhom bżonn strumenti ġodda u speċifiċi li jistgħu jbiddlu l-ambizzjonijiet f'realtà.

Il-messaġġ prinċipali mill-konsultazzjonijiet estensivi tal-Kummissjoni wasal bil-qawwi u biċ-ċar. Ewropa iktar magħquda, b'saħħitha u aktar demokratika għandha bżonn baġit ġdid u modern. U għandha bżonn ideat ġodda dwar kif dak il-baġit jista' jaqdi lin-nies mal-Ewropa kollha. Ir-**rieżami tal-infiq**[7] komplut li wettqet il-Kummissjoni għen sabiex ġie indikat x'ħadem tajjeb fil-passat u x'għandu jerġa' jsir fil-baġit li jmiss. Iżda wera wkoll fejn hi meħtieġa r-riforma sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-baġit tal-UE. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni qegħda tipproponi qafas modern u sett ta' programmi ġodda u riformati msawwra fuq il-prinċipji li ġejjin:

- **Enfasi aktar b'saħħitha fuq il-valur miżjud Ewropew.** Il-baġit tal-UE huwa żgħir meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija Ewropea u l-baġits nazzjonali. Għalhekk huwa kruċjali li jinvesti f'oqsma fejn l-UE tista' toffri valur miżjud Ewropew reali għall-infiq pubbliku fuq livell nazzjonali. L-akkomunament tar-riżorsi jista' jikseb riżultati li l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux.[8] Eżempji jinkludu proġetti ta' riċerka mill-aktar avvanzati li jiġbru flimkien l-aqwa riċerkaturi minn madwar l-Ewropa, jew l-emanċipazzjoni taż-żagħażagħ u n-negozji żgħar sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet li joffru s-Suq Uniku u l-ekonomija diġitali. Eżempji oħra fejn l-akkomunamentt tar-riżorsi jgħinna nagħmlu aktar jinkludu l-katalizzazzjoni ta' investimenti strateġiċi ewlenin. Dawn l-investimenti huma kruċjali għall-prosperità futura tal-Ewropa u t-tmexxija tagħha rigward l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-istess jgħodd għal dan li jikkonċerna l-attrezzar tal-Unjoni sabiex tkun tista' tiddefendi u tipproteġi liċ-ċittadini tagħha f'dinja li qegħda tinbidel malajr fejn ħafna mill-aktar kwistjonijiet urġenti jmorru lil'hinn mill-fruntieri nazzjonali.
- **Baġit aktar sempliċi u trasparenti**. Il-Kummissjoni qegħda tipproponi qafas iktar koerenti, iffukat u trasparenti. L-istruttura tal-baġit se tkun iktar ċara u allinjata aktar mill-qrib mal-prijoritajiet. Il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis fin-numru ta' programmi b'aktar minn terz, pereżempju billi tgħaqqad flimkien sorsi ta' finanzjament frammentati fi programmi ġodda integrati u tissimplifika radikalment l-użu tal-istrumenti finanzjarji.
- **Inqas burokrazija għall-benefiċjarji**. Il-Kummissjoni qegħda tipproponi li r-regoli jsiru aktar koerenti permezz ta' ġabra unika tar-regoli[9]. Din il-proposta tnaqqas drastikament il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet maniġerjali. Tiffaċilita l-

[7] Ara wkoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament SWD (2018) 171.
[8] Ara wkoll l-SWD(2018) 171, p.7.
[9] F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Espert indipendenti dwar il-Monitoraġġ tas-Simplifikazzjoni għall-Benefiċjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll tal-Parlament Ewropew.

parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE u tħaffef l-implimentazzjoni. Tagħmilha aktar faċli għall-programmi u l-istrumenti differenti biex jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-impatt tal-baġit tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qegħda tipproponi li tiċċara u tissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex ikun aktar faċli li ssir rabta bejn l-istrumenti mill-baġit tal-UE mal-finanzjament nazzjonali.

- **Baġit aktar flessibbli u rapidu.** F'ambjent ġeopolitiku instabbli, l-Ewropa trid tkun kapaċi tirrispondi malajr u b'mod effettiv għal talbiet mhux mistennija. Il-Kummissjoni qegħda tipproponi li tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti sabiex il-baġit isir aktar rapidu. Dan jinkludi żieda fil-flessibbiltà fi u bejn il-programmi, it-tisħiħ tal-għodda għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-ħolqien ta' "Riżerva tal-Unjoni" ġdida li tittratta ċirkostanzi mhux mistennija u li tieħu miżuri f'emerġenzi f'oqsma bħas-sigurtà u l-migrazzjoni.

- **Baġit li jaħdem.** Il-baġit tal-UE jista' jitqies bħala suċċess biss jekk jagħti riżultati konkreti fil-prattika. Il-Kummissjoni qegħdha tipproponi li ssaħħaħ l-attenzjoni fuq il-prestazzjoni fil-programmi kollha, billi tistabbilixxi wkoll għanijiet ċari u tiffoka fuq numru iżgħar ta' indikaturi tal-prestazzjoni ta' kwalità ogħla. Il-monitoraġġ u l-kejl tar-riżultati jsiru aktar sempliċi - u t-tibdil isir meta jkun meħtieġ.

It-tfassil tal-programmi futuri huwa biss l-ewwel pass. It-test reali huwa jekk il-programmi jaħdmux fil-prattika. L-**implimentazzjoni effettiva u effiċjenti** tal-programmi tal-ġenerazzjoni li jmiss hija għalhekk prijorità għolja. Hija responsabbiltà kondiviża bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u kull min huwa involut fil-ġestjoni tal-baġit tal-UE.

Huwa essenzjali wkoll li tissaħħaħ ir-rabta bejn il-finanzjament tal-UE u r-**rispett għall-valuri fundamentali tal-UE**. L-UE hija Komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt, li jfisser ukoll li qrati indipendenti fuq livell nazzjonali u Ewropew huma fdati bis-sorveljanza tar-rispett tar-regoli u regolamenti mifthema b'mod konġunt tagħna, u tal-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri kollha. Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effettiv tal-UE. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tipproponi mekkaniżmu ġdid li jipproteġi lill-baġit tal-UE minn riskji finanzjarji marbuta ma' nuqqasijiet ġenerali rigward l-istat tad-dritt.

IL-BAĠIT TAL-UE U L-ISTAT TAD-DRITT

Skont ir-regoli attwalment fis-seħħ, l-Istati Membri u l-benefiċjarji jridu juru li l-qafas regolatorju għall-ġestjoni finanzjarja huwa b'saħħtu, li r-regoli rilevanti tal-UE qegħdin jiġu osservati u li għandhom il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali meħtieġa. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali fih ukoll dispożizzjonijiet sabiex jiżgura li l-effettività tal-finanzjament mill-UE ma jiġix imminat minn politiki fiskali u ekonomiċi mhux tajba.

Il-Kummissjoni għalhekk qegħda tipproponi li **ssaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-UE minn riskji finanzjarji marbuta ma' nuqqasijiet ġenerali rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri.** Jekk dawn in-nuqqasijiet ixekklu jew jheddu li jxekklu l-ġestjoni finanzjarja tajba jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' konsegwenzi għall-finanzjament mill-UE. Kull miżura meħuda skont din il-proċedura l-ġdida trid tkun proporzjonali għan-natura, is-serjetà u l-iskop tan-nuqqasijiet ġenerali fl-istat tad-dritt. Hija ma taffettwax l-obbligi tal-Istati Membri kkonċernati rigward il-benefiċjarji.

Id-deċiżjoni dwar jekk nuqqas ġenerali fl-istat tad-dritt jistax jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE se tiġi proposta mill-Kummissjoni u adottata mill-Kunsill bil-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa[10]. Id-deċiżjoni tqis informazzjoni rilevanti bħad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll il-konklużjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jagħti r-raġunijiet tiegħu qabel ma tittieħed deċiżjoni.

10 Skont il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa, il-proposta tal-Kummissjoni hija meqjusa adottata mill-Kunsill sakemm ma jiddeċidix b'maġġoranza kwalifikata li jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni.

3. BAĠIT GĦALL-PRIJORITAJIET TAL-EWROPA

Il-baġit fit-tul futur se jkun baġit għall-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-proposti tal-Kummissjoni se jallinjaw l-istruttura u l-programmi tal-baġit tal-UE mal-aġenda pożittiva tal-Unjoni wara l-2020 kif ġie miftiehem fi Bratislava u Ruma. L-arkitettura l-ġdida tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali se tkun aktar trasparenti dwar għalxiex qiegħed il-baġit tal-UE u kif se jikkontribwixxu l-partijiet differenti tal-baġit. Huwa se jipprovdi wkoll il-flessibbiltà meħtieġa f'każ ta' rispons għal bżonnijiet li jinbidlu.

Il-programmi se jitwaqqfu skont il-prijoritajiet ta' nfiq tematiċi ewlenin. Dawn jikkorrispondu għall-intestaturi fl-istruttura formali tal-baġit. F'kull prijorità, il-programmi jiġu mgħaqqda f'raggruppamenti ta' politiki, li se jiġu riflessi fit-titoli tal-baġit annwali. B'hekk ikun aktar ċar kif se jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika.

Fil-prattika, l-istruttura formali tal-baġit hija biss parti mill-istampa kollha. Ħafna mill-prijoritajiet tal-Unjoni huma kumplessi u b'ħafna aspetti. Programm wieħed mhux kapaċi jindirizza kull wieħed minn dawn l-aspetti. Bil-proposti tal-Kummissjoni, l-investiment minn diversi programmi se jingħaqad biex jindirizza prijoritajiet ta' tnaqqis tal-ispejjeż ewlenin bħal l-ekonomija diġitali, is-sostenibbiltà, is-sigurtà, il-migrazzjoni, ir-riżorsi umani u l-ħiliet, kif ukoll l-appoġġ għan-negozji ż-żgħar u l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni tipproponi li tissimplifika dawn l-interazzjonijiet skont il-qafas futur, u b'hekk tipprovdi rispons ħafna aktar koerenti għall-isfidi tal-Ewropa. It-taqsimiet li ġejjin juru r-riformi u l-programmi ewlenin taħt kull waħda mill-prijoritajiet ta' nfiq.

Hemm aktar informazzjoni dwar l-objettivi, it-tfassil u l-valur miżjud Ewropew tal-programmi individwali fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-Ġdid 2021-2027:
Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi

I. IS-SUQ UNIKU, L-INNOVAZZJONI U DIĠITALI

1 Riċerka u Innovazzjoni

- Orizzont Ewropa
- Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom
- Ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)

2 Investimenti Strateġiċi Ewropej

- Il-Fond InvestEU
- Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
- Il-Programm Ewropa Diġitali (inkluża ċ-Ċibersigurtà)

3 Is-Suq Uniku

- Il-Programm tas-Suq Uniku (inklużi l-Kompetittività u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju - COSME, Sikurezza Alimentari, Statistika, Kompetizzjoni u Kooperazzjoni Amministrattiva)
- Il-Programm tal-UE ta' Kontra l-Frodi
- Il-Kooperazzjoni fil-Qasam tat-Tassazzjoni (FISCALIS)
- Il-Kooperazzjoni fil-Qasam tad-Dwana (CUSTOMS)

4 L-Ispazju

- Il-Programm Spazjali Ewropew

II. KOEŻJONI U VALURI

5 Koeżjoni u Żvilupp Reġjonali

- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
- Il-Fond ta' Koeżjoni
- L-Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka

6 L-Unjoni Ekonomika u Monetarja

- Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Faċilità ta' Konverġenza
- Il-Protezzjoni tal-Euro kontra l-Falsifikazzjoni

7 Investiment fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-Valuri

- Il-Fond Soċjali Ewropew+ (inklużi l-Integrazzjoni tal-Migranti u s-Saħħa)
- Erasmus+
- Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- Ġustizzja, Drittijiet u Valuri
- Ewropa Kreattiva (inkluż MEDIA)

III. RIŻORSI NATURALI U L-AMBJENT

8 L-Agrikoltura u l-Politika Marittima

- Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija
- Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
- Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

9 Ambjent u Azzjoni Klimatika

- Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

IV. MIGRAZZJONI & ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

10 Migrazzjoni

- Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

11 Il-Ġestjoni tal-Fruntieri

- Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

V. SIGURTÀ & DIFIŻA

12 Sigurtà

- Il-Fond għas-Sigurtà Interna
- Żmantellar tas-siti nukleari (Litwanja)
- Sikurezza Nukleari u l-Iżmantellar (inklużi r-Repubblika tal-Bulgarija u s-Slovakkja)

13 Difiża

- Il-Fond Ewropew għad-Difiża
- Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Mobbiltà Militari

14 Rispons għal Kriżijiet

- Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

VI. VIĊINAT & L-BQIJA TAD-DINJA

15 Azzjoni Esterna*

- Il-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Istrument ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (inklużi l-aspetti esterni tal-migrazzjoni)
- Għajnuna Umanitarja
- Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni
- Pajjiżi u territorji extra-Ewropej (inkluża Greenland)

16 Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni

- Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni

VII. L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

17 L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

- In-Nefqa Amministrattiva, il-Pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej

L-ISTRUMENTI OGĦLA MIL-LIVELLI MASSIMI TAL-QFP

- Ir-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza
- Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE
- Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
- L-Istrument ta' Flessibbiltà
- Il-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew

* Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi huwa fond barra mill-baġit barra mill-Qafas Finanzjarju

I. IS-SUQ UNIKU, L-INNOVAZZJONI U DIĠITALI

Investiment fi:

- Riċerka u Innovazzjoni
- Infrastruttura strateġika ewlenija
- Insaħħu s-Suq Uniku
- Proġetti tal-ispazju strateġiċi

Il-prosperità futura tal-Ewropa tiddependi mid-deċiżjonijiet dwar l-investiment li nieħdu llum. Il-baġit tal-UE ilu ħafna sors vitali ta' investiment madwar l-Ewropa. Iż-żieda fl-investiment issa f'oqsma bħar-riċerka, l-infrastruttura strateġika, it-trasformazzjoni diġitali u s-Suq Uniku se tkun kruċjali sabiex jiġi sfruttat it-tkabbir futur u l-indirizzar ta' sfidi komuni bħad-dekarbonizzazzjoni u t-tibdil demografiku.

Il-programm ta' riċerka Ewropew il-ġdid, **Orizzont Ewropa**, se jgħin lill-Ewropa sabiex tibqa' minn ta' quddiem fir-riċerka dinjija u l-innovazzjoni. Kif enfasizzat fir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli ppresedut minn Pascal Lamy[11], l-investiment fir-riċerka jippermetti lill-Unjoni tikkompeti ma' ekonomiji żviluppati u emerġenti oħra, tiżgura futur prosperu għaċ-ċittadini tagħha u tippreserva l-mudell soċjali uniku tagħha. Fuq il-bażi tas-suċċess ta' Orizzont 2020, il-programm il-ġdid se jkompli jippromwovi l-eċċellenza fir-riċerka u jsaħħaħ il-fowkus fuq l-innovazzjoni, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' prototipi, assi intanġibbli, u trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija. **Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni** ġdid se jipprovdi punt uniku ta' kuntatt għal innovaturi b'potenzjal għoli u ta' tfixkil, bil-għan li l-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett fl-innovazzjoni li toħloq is-swieq.

Fuq il-bażi tas-suċċess tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi li xpruna l-investiment privat madwar l-Ewropa, il-Kummissjoni qegħda tipproponi li twaqqaf fond ta' investiment ġdid u integrat, **InvestEU**. B'dan il-mod, ammont relattivament limitat ta' riżorsi pubbliċi jista' jintuża biex jimmobbilizza ammont sinifikanti ta' riżorsi privati għal investimenti meħtieġa ferm. Bil-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala s-sieħeb ewlieni tal-implimentazzjoni u msieħba oħra bħal l-Banek Promozzjonali Nazzjonali li jikkontribwixxu fil-prestazzjoni, InvestEU se tgħaqqad l-istrumenti finanzjarji kollha ġestiti ċentralment fl-UE ġewwa struttura unika u sempliċi. Dan l-approċċ il-ġdid se jnaqqas it-trikkib, jissimplifika l-aċċess għall-finanzjament u jnaqqas il-piż amministrattiv. B'kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE ta' EUR 15,2 biljun[12], InvestEU mistennija timmobbilizza aktar minn EUR 650 biljun f'investiment addizzjonali madwar l-Ewropa.

L-infrastruttura transfruntiera hija s-sinsla tas-Suq Uniku, li tgħin lill-merkanzija, s-servizzi, n-negozji u ċ-ċittadini jiċċaqilqu b'mod liberu u jaqsmu l-fruntieri. Permezz tal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa** li ġiet riformata, l-Unjoni se tkompli tinvesti fin-netwerks trans-Ewropej diġitali, tat-trasport u tal-enerġija. Il-programm futur se jisfrutta aħjar is-sinerġiji bejn l-infrastruttura diġitali, tat-trasport u tal-enerġija, pereżempju billi jiżviluppa infrastruttura għall-fjuwils alternattivi jew netwerk intelliġenti tal-enerġija u sostenibbli li huma sottostanti għas-Suq Uniku Diġitali u l-Unjoni tal-Enerġija. Fuq il-bażi tal-approċċ

---

11 Ara r-rapport dwar "Ninvestu fil-futur Ewropew li rridu" - Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli Indipendenti dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-Programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE".

12 Sakemm mhux indikat mod ieħor, is-somom ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni huma prezzijiet kurrenti. Figuri mogħtija bi prezzijiet kurrenti inkluż l-effett tal-inflazzjoni. Jiġu kkalkulati bi 2 % ta' aġġustament annwali għall-inflazzjoni.

pożittiv tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, parti mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (EUR 11,3 biljun) se tiġi trasferita lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għal proġetti ta’ trasport li joffru valur miżjud Ewropew għoli.

Sabiex tnaqqas id-distakk attwali fl-investiment diġitali, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi **Programm Ewropa Diġitali** ġdid sabiex tifforma u tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea. Il-bidla teknoloġika u d-diġitalizzazzjoni qegħdin ibiddlu l-industriji, is-soċjetajiet, l-impjiegi u l-karrieri tagħna, kif ukoll is-sistemi tal-edukazzjoni u tal-protezzjoni soċjali. Bl-appoġġ tiegħu għal proġetti strateġiċi f’oqsma tal-ewwel linja bħall-intelliġenza artifiċjali, is-superkompjuters, iċ-ċibersigurtà jew id-diġitalizzazzjoni industrijali, u l-investiment fil-ħiliet diġitali, il-programm il-ġdid se jgħin sabiex jitlesta s-Suq Uniku Diġitali, prijorità ewlenija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tipproponi żieda ta’ kważi 64 % fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-investiment diġitali b'ġestjoni diretta fil-Qafas Finanzjarju li jmiss. Dawn l-investimenti se jkunu kumplimentati minn proġetti diġitali, ta’ riċerka u innovazzjoni appoġġati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Ninvestu fil-ġejjieni

F’biljun ta’ euro, prezzijiet kurrenti



Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27 (stima)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Programm spazjali integrat bis-sħiħ se jgħaqqad flimkien l-attivitajiet kollha tagħna f’dan il-qasam strateġiku ħafna. Huwa se jipprovdi qafas koerenti għall-investiment futur, li joffri aktar viżibbiltà u flessibbiltà. Minħabba li jtejjeb l-effiċjenza, fl-aħħar mill-aħħar se jgħin fl-introduzzjoni ta’ servizzi xprunati mill-ispazju li minnhom se jibbenefikaw iċ-ċittadini kollha tal-UE. Il-baġit tal-UE se jkompli jiffinanzja wkoll il-kontribuzzjoni tal-UE fl-iżvilupp tal-proġett tar-**Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)** sabiex jiżviluppa sors vijabbli ta’ enerġija sikura u favur l-ambjent għall-futur.

Il-Kummissjoni qegħda tipproponi wkoll programm ġdid u ddedikat li jappoġġa l-operazzjoni mingħajr xkiel tas-**Suq Uniku**, l-aħjar ass tal-Ewropa sabiex tiġġenera t-tkabbir fi swieq globalizzati, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' **Unjoni tas-Swieq Kapitali**. Fuq il-bażi tas-suċċess tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) attwali, il-Kummissjoni qegħda tipproponi li ssaħħaħ l-għajnuna mogħtija lin-negozji ż-żgħar - il-magna tal-ekonomija tagħna - biex ikomplu jikbru u jespandu b'mod tranfruntier. Il-programm il-ġdid se jgħin lill-kumpaniji u lill-konsumaturi jagħmlu użu aħjar mill-potenzjal tas-Suq Uniku permezz ta' għodda tal-informazzjoni, l-iżvilupp ta' standards, u għajnuna għall-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tipproponi li ġġedded u ssaħħaħ il-programm tad-**Dwana**, sabiex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni ulterjuri u l-immodernizzar tal-unjoni doganali, li tiċċelebra l-Ħamsin anniversarju tagħha din is-sena. B'mod parallel, il-programm **Fiscalis** se jservi ta' bażi għal kooperazzjoni aktar dedikata bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa, inkluż

II. KOEŻJONI & VALURI

Investiment fi:

- Żvilupp u koeżjoni reġjonali
- Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja
- Nies, koeżjoni soċjali u valuri

Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali madwar l-Ewropa qegħdin jitjiebu u l-impjiegi huma b'saħħithom f'ħafna partijiet mill-Ewropa. Madankollu, l-effetti tal-kriżi ekonomika għadhom jinħassu f'ċerti partijiet tal-Ewropa. Ċerti reġjuni waqgħu iktar lura, parzjalment minħabba l-effetti tal-globalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali. Għadhom jippersistu inugwaljanzi sinifikanti fl-Unjoni u s-soċjetajiet qiegħdin jaffaċċjaw serje ta' sfidi ġodda. Il-baġit tal-UE għandu rwol kruċjali biex jgħin fit-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali, u fil-promozzjoni ta' valuri komuni u sens ta' appartenenza fl-UE.

Il-Kummisjoni qegħda tipproponi li timmodernizza u ssaħħaħ il-**Politika ta' Koeżjoni**[13]. F'ħidma flimkien ma' programmi oħra, il-fondi se jkomplu joffru għajnuna essenzjali lill-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE. L-għan huwa li tingħata spinta sew lill-konverġenza, li jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn l-Istati Membri u madwar l-Ewropa, kif ukoll li tingħata għajnuna għat-twettiq tal-prijoritajiet politiċi miftehma fi Bratislava u Ruma.

Il-Politika ta' Koeżjoni se tilgħab rwol dejjem aktar importanti meta tgħin il-proċess ta' riforma ekonomika li għadu għaddej fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni tipproponi li **ssaħħaħ ir-rabta bejn il-baġit tal-UE u s-Semestru Ewropew** għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, li tikkunsidra wkoll l-ispeċifiċitajiet reġjonali. Il-Kummissjoni se tipproponi gwida dedikata relatata mal-investiment flimkien mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, kemm qabel il-proċess ta' programmazzjoni u f'nofsu sabiex tipprovdi pjan direzzjonali għal investiment f'riformi li huma l-qofol ta' futur prosperu.

[13] Il-Politika ta' Koeżjoni titwettaq permezz ta' tliet fondi ewlenin, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni.

Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni. Filwaqt li kien hemm konverġenza importanti pożittiva f'ħafna oqsma, f'dawn l-aħħar snin id-distakk f'xi reġjuni reġa' tfaċċa fil-verità, anki f'pajjiżi relattivament iktar għonja. Din l-evoluzzjoni għandha tiġi riflessa fil-Politika ta' Koeżjoni sabiex l-ebda reġjun ma jibqa' lura. L-**introjtu relattiv ras għal ras se jibqa' l-kriterju predominanti għall-allokazzjoni tal-fondi** - għaliex l-għan prinċipali tal-Politika ta' Koeżjoni huwa u jibqa' li jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni li għadhom lura f'termini ekonomiċi jew strutturali biex ilaħħqu mal-bqija tal-UE - filwaqt li se jiġu kkunsidrati wkoll fatturi oħra bħal l-qgħad (partikolarment il-qgħad fost iż-żagħżagħ), it-tibdil fil-klima u l-akkoljenza / l-integrazzjoni tal-migranti. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li żżid ir-rati ta' kofinanzjament nazzjonali sabiex jiġu riflessi aħjar ir-realtajiet ekonomiċi tal-lum. Dan se jkollu l-benefiċċju li jżid is-sjieda fuq livell nazzjonali, issostni volumi akbar ta' investiment u jtejjeb il-kwalità tagħhom. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-ispeċifiċitajiet tar-reġjun ultraperiferiċi u ż-żoni skarsament popolati.

Il-qafas legali l-ġdid se jippermetti li jkun hemm aktar rabtiet effiċjenti ma' programmi oħra tal-UE. Pereżempju, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jittrasferixxu wħud mill-fondi allokati lilhom lill-fond InvestEU, sabiex ikollhom aċċess għall-garanzija pprovduta mill-baġit tal-UE. Se jkunu jistgħu jiffinanzjaw ukoll proġetti bis-"Siġill ta' Eċċellenza" identifikati mill-programm **Orizzont Ewropa** bħala proġetti ta' eċċellenza internazzjonali fir-reġjuni tagħhom. Dan jgħin jiżgura li l-investiment fl-infrastruttura jkun ikkoordinat tajjeb mal-investiment l-ieħor tal-UE f'oqsma kruċjali bħar-riċerka u l-innovazzjoni, in-netwerks diġitali, id-dekarbonizzazzjoni, l-infrastrutturi soċjali u l-ħiliet.

Kif ħabbret il-Kummissjoni f'Diċembru 2017[14], il-futur tal-baġit tal-UE ma jistax jiġi separat mill-għan li titwettaq **Unjoni Ekonomika u Monetarja** aktar stabbli u effiċjenti, għall-benefiċċju tal-Unjoni kollha kemm hi. Skont it-Trattati, l-Istati Membri kollha tal-UE huma parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, anki l-Istati Membri li għandhom deroga jew esklużjoni fakultattiva, u għalhekk kollha jieħdu sehem fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Skont it-Trattati, l-euro hija l-munita tal-UE, u l-konverġenza ekonomika u l-istabbiltà huma l-għanijiet tal-Unjoni bħala ħaġa waħda. Din hija r-raġuni għalfejn l-għodda li jsaħħu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ma għandhomx ikunu separati iżda biċċa waħda mal-arkitettura finanzjarja ġenerali tal-Unjoni.

IL-BAĠIT TAL-UE U L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

Żona tal-Euro stabbli hija prekundizzjoni għall-istabbiltà finanzjarja u l-prosperità tal-Unjoni kollha. Kif ħabbret fil-pakkett dwar l-**Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa** tas-6 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni qegħda tipproponi strumenti baġitarji ġodda għal Żona tal-Euro u għall-konverġenza lejn iż-Żona tal-Euro fil-qafas tal-Unjoni. Dawn l-istrumenti l-ġodda se jikkumplimentaw fondi oħra tal-UE, inkluż il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u InvestEU, b'appoġġ għall-konverġenza ekonomika, l-istabbiltà finanzjarja, il-ħolqien tal-impjiegi u l-investiment.

Programm ta' Appoġġ għal Riformi ġdid u b'saħħtu se joffri għajnuna teknika u finanzjarja għal riformi fuq livell nazzjonali b'baġit globali ta' EUR 25 biljun. Dan il-programm il-ġdid se jkun separat iżda kumplimentari għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej futuri. Se jinkludi **Għodda għat-Twettiq ta' Riformi** li jipprovdu inċentivi finanzjarji fl-Istati Membri *kollha* għal riformi ewlenin identifikati bħala parti mis-Semestru Ewropew. Se jiffoka fuq dawk ir-riformi li jistgħu jkunu tal-akbar għajnuna sabiex l-ekonomiji domestiċi jsiru aktar sodi u li jista' jkollhom effetti konsegwenzjali pożittivi fuq Stati Membri oħra. Dawn jinkludu riformi fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol, fl-edukazzjoni, fir-riformi tat-taxxa, l-iżvilupp tas-swieq kapitali, ir-riformi biex jitjieb l-ambjent tan-negozju kif ukoll l-investiment fir-riżorsi umani u r-riformi fl-amministrazzjoni pubblika. Dan il-programm il-ġdid se jinkludi wkoll **Faċilità ta' Konverġenza** dedikata sabiex tgħin lil Stati Membri

[14] COM(2017) 822.

mhux fiż-Żona tal-Euro li jixtiequ jadottaw il-munita unika matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. L-allokazzjonijiet previsti għall-Faċilità ta' Konverġenza se jiġu trasferiti lill-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi jekk sal-aħħar tal-2023 Stat Membru eliġibbli ma jkunx ħa l-passi meħtieġa biex jitlob l-għajnuna mill-Faċilità ta' Konverġenza. Il-parteċipazzjoni fit-tliet stadji tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi se tkun volontarja u l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għar-riformi mwettqa.

Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew ġdida se tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti fuq livell nazzjonali u Ewropew biex tassorbi x-xokkijiet makroekonomiċi asimetriċi kbar fiż-Żona tal-Euro. Kif rajna fil-kriżi riċenti, l-istabbilizzaturi awtomatiċi nazzjonali waħedhom jistgħu ma jkunux biżżejjed biex ilaħħqu ma' xokkijiet asimetriċi kbar u t-tnaqqis fl-investiment li ta' spiss iseħħ warajhom. Minbarra l-mekkaniżmi eżistenti, qed jiġi propost li l-baġit tal-UE se jiggarantixxi self back-to-back sa massimu ta' EUR 30 biljun. Is-self se jkun disponibbli għall-Istati Membri li jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà stretti għal politiki ekonomiċi u fiskali li jaħdmu tajjeb. Il-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew se jipprovdi wkoll sussidju tar-rata tal-imgħax sabiex ikun hemm il-fondi meħtieġa għall-baġits nazzjonali biex iżommu l-livell ta' investiment. Dan is-sussidju se jiġi ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro ekwivalenti għal sehem mill-introjtu monetarju (*seigniorage*) (sinjoraġġ). Il-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew maż-żmien tista' tiġi kkumplimentata minn sorsi addizzjonali ta' finanzjament barra mill-baġit tal-UE, bħal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri kif ukoll rwol potenzjali għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u għall-futur Fond Monetarju Ewropew. Il-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew se tkun miftuħa għall-Istati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro jekk huma jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħha skont il-kjavi għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Strumenti baġitarji ġodda għal Żona tal-Euro stabbli fl-Unjoni



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea Aġġornament ta' COM(2017) 822.

Il-baġit tal-UE għandu rwol vitali wkoll x'iwettaq biex jagħti r-riżultati mwegħda mill-Mexxejja fis-Summit Soċjali ta' Gothenburg f'Novembru 2017. Dan ifisser it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni, bl-implimentazzjoni sħiħa tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**. Fil-Politika ta' Koeżjoni, **Fond Soċjali Ewropew** imsaħħaħ u ristrutturat se jkollu valur ta' madwar EUR 100 biljun fuq il-perjodu, li jirrappreżenta sehem ta' madwar 27 % tan-nefqa fuq il-koeżjoni. Il-Fond se jipprovdi għajnuna mmirata għal qgħad fost iż-żagħżagħ, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet kif ukoll it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar. Sabiex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament f'dan il-qasam, il-Kummissjoni tipproponi li tiġbor flimkien ir-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew, tal-Inizjattiva

favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, tal-programm Impjiegi u Innovazzjoni soċjali u tal-programm tas-Saħħa fi strument komprensiv uniku.

Il-Kummissjoni tipproponi **enfasi akbar fuq iż-"żagħżagħ"** fil-Qafas Finanzjarju li jmiss. Din l-enfażi se titwettaq permezz tal-**irduppjar u iktar tad-daqs tal-Erasmus+** u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-programm Erasmus+, waħda mill-aktar stejjer ta' suċċess viżibbli tal-Unjoni, se jkompli joħloq opportunitajiet għall-edukazzjoni u l-mobbiltà taż-żagħżagħ. L-enfasi se tkun fuq l-inklussività, u sabiex jintlaħqu aktar żagħżagħ minn sfondi soċjali żvantaġġati. B'hekk aktar żagħżagħ se jkunu jistgħu jmorru f'pajjiż ieħor biex jitgħallmu jew jaħdmu. Programm tal-Erasmus+ iktar b'saħħtu se jilħaq l-ammont ta' EUR 30 biljun matul il-perjodu u jinkludi wkoll l-ammont ta' EUR 700 miljun għal biljetti Interrail għaż-żagħżagħ. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tistabbilixxi Korp Ewropew ta' Solidarjetà wieħed, li jiġbor miegħu l-programm ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE eżistenti. B'hekk iċ-ċittadini tal-UE se jkollhom l-opportunità unika li jieħdu sehem f'attivitajiet umanitarji ma' nies fil-bżonn ġewwa u barra mill-Ewropa.

Il-Kummissjoni tipproponi **Fond għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri** ġdid, li jinkludi l-programm dwar il-**Ġustizzja** u l-programm dwar id-**Drittijiet u l-Valuri**. Fi żmien fejn is-soċjetajiet Ewropej qegħdin iħabbtu wiċċhom mal-estremiżmu, ir-radikaliżmu u d-diviżjonijiet, huwa importanti aktar minn qatt qabel li jiġu promossi, msaħħa u protetti l-valuri Ewropej, id-drittijiet u l-ġustizzja, li għandhom konsegwenzi profondi u diretti fuq il-ħajja politika, soċjali, kulturali u ekonomika fl-Ewropa: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-ingaġġ u l-parteċipazzjoni demokratika fil-politika u s-soċjetà ċivili huma dmirijiet fundamentali għall-baġit futur tal-UE. Bħala parti mill-Fond il-ġdid, il-**Programm dwar il-Ġustizzja** se jkompli jappoġġa l-iżvilupp ta' spazju Ewropew integrat ta' ġustizzja u l-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-Kultura hija u għandha tibqa' tema ċentrali tal-proġett Ewropew. Id-diversità kulturali u lingwistika kif ukoll il-wirt kulturali tagħna huma l-karatteristiċi ewlenin tal-kontinent tagħna u tal-identità Ewropea tagħna. Permezz tal-programm Ewropa Kreattiva, il-Kummissjoni trid tqiegħed enfasi importanti fil-baġit li jmiss fuq l-għajnuna għall-kultura u s-settur awdjoviżiv, b'fergħa b'saħħitha għall-MEDIA b'finanzjament akbar biex jgħin lill-industrija kreattiva u awdjoviżiva Ewropea.

L-istrumenti tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet wrew xi jsarrfu f'dawn l-aħħar snin. Barra mill-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tipproponi li żżomm u ssaħħaħ il-**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea** li jgħin lill-Istati Membri biex jirkupraw wara diżastri naturali serji, u l-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**, li joffri għajnuna ta' darba lil ħaddiema li jkunu tilfu xogħolhom fil-kuntest ta' numru sinifikanti ta' tkeċċijiet mhux mistennija kkawżati minħabba l-effetti negattivi tal-iżviluppi fil-kummerċ dinji u tfixkil ekonomiku.

III. RIŻORSI NATURALI & L-AMBJENT

Investiment fi:

- L-agrikoltura sostenibbli u s-setturi marittimi u provvista ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja
- It-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent

Is-sostenibbiltà hija tema komuni fil-ħidma tal-Unjoni f'ħafna oqsma differenti. Hija hekk kemm apposta u għaliex meħtieġa. Bis-saħħa ta' politiki agrikoli u marittimi modernizzati, ta' finanzjament dedikat għat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent, l-integrazzjoni tal-klima fl-oqsma kollha tal-baġit u integrazzjoni msaħħa tal-għanijiet ambjentali, il-baġit tal-UE huwa mutur tas-sostenibbiltà.

Il-Kummissjoni qegħda tipproponi **Politika Agrikola Komuni** riformata u modernizzata. B'hekk ikun jista' jiġi mantnut Suq Uniku integrat għall-prodotti agrikoli fl-UE. Jiġi żgurat ukoll aċċess għal ikel sikur, għal but ta' kulħadd, ta' kwalità għolja, bnin u differenti. Il-politika riformata se tpoġġi enfasi ikbar fuq l-ambjent u l-klima. Dan sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn settur agrikolu sostenibbli għal kollox u l-iżvilupp ta' żoni rurali mimlijin ħajja.

Il-politika riformata, b'EUR 365 biljun[15], se tkompli tinbena fuq żewġ pilastri: il-pagamenti diretti lill-bdiewa u l-finanzjament tal-iżvilupp rurali. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, il-Kummissjoni tipproponi li żżid ir-rati tal-kofinanzjament nazzjonali. Il-ġestjoni se tkun maqsuma bejn l-UE u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi **mudell ta' implimentazzjoni ġdid**, li mill-politika bbażata fuq il-konformità tal-lum jeqleb għal politika orjentata lejn ir-riżultati sabiex jikseb riżultati għal għanijiet komuni stabbiliti fuq livell Ewropew iżda implimentati b'mod aktar flessibbli fuq livell nazzjonali.

Il-pagamenti diretti lill-bdiewa jibqgħu parti essenzjali ta' din il-politika, iżda se jkunu aktar sempliċi u b'miri aħjar. Se tiġi promossa distribuzzjoni aktar bilanċjata u se jiġi introdott limitu massimu obbligatorju fuq l-ammonti rċevuti jew pagamenti digressivi fuq livell nazzjonali. Dan ifisser li l-għajnuna se tmur għand l-irziezet żgħar u ta' daqs medju, u potenzjalment għall-iżvilupp rurali. L-għadd ta' pagamenti diretti għal kull ettaru bejn l-Istati Membri se jkomplu jikkonverġu lejn il-medja tal-UE.

Il-politika l-ġdida se teħtieġ **livell ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika ogħla** li jitwettaq billi tiġi msaħħa l-kondizzjonalità għal pagamenti diretti, b'konsistenza mal-politiki ambjentali, parti sinifikanti tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali tiġi riservata għal miżuri li minnhom jibbenefikaw il-klima u l-ambjent, u l-introduzzjoni ta' skemi volontarji ekoloġiċi fil-baġit għall-pagament diretti, f'qafas strateġiku u bbażat fuq il-prestazzjoni.

Sabiex jiġu indirizzati l-kriżijiet ikkawżati minn żviluppi mhux imbassra fis-swieq internazzjonali, jew minn xokk speċifiku fis-settur agrikolu minħabba miżuri meħuda minn pajjiżi terzi, se titwaqqaf **riżerva ġdida għall-kriżijiet**.

Permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-baġit tal-UE se jkompli jappoġġa settur sostenibbli tas-sajd tal-UE u l-komunitajiet tal-kosta li jiddependu minnu. Il-promozzjoni ta' ekonomija blu fis-sajd u l-akkwakultura, fit-turiżmu, fl-enerġija mill-oċeani nadifa jew mit-teknoloġija blu, tagħti valur miżjud Ewropew reali għaliex tħeġġeġ lill-gvernijiet, lill-industrija u lill-partijiet konċernati biex jiżviluppaw approċċi konġunti biex jixprunaw it-tkabbir, filwaqt li jissalvagwardjaw l-ambjent tal-baħar.

Il-Kummissjoni tipproponi li tkompli ssaħħaħ il-programm li ilu stabbilit għall-ambjent u l-azzjoni klimatika, **LIFE**, li se jappoġġa wkoll miżuri li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija nadifa. Biex tissupplimenta l-isforzi mmirati għall-preservazzjoni tan-natura, il-Kummissjoni qegħda ssaħħaħ ukoll is-sinerġiji mal-Politika ta' Koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni biex tiffinanzja l-investiment fin-natura u l-bijodiversità.

B'mod aktar ġenerali, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-impenn lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi għan

[15] Barra minn hekk, hija prevista somma ta' EUR 10 biljun fl-Orizzont Ewropa sabiex tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bioekonomija.

aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE, b'mira ta' 25 % tan-nefqa tal-UE għall-għanijiet dwar il-klima.

IV. MIGRAZZJONI & ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

Investiment fi:

- Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni
- Tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni

L-isfidi tal-ġestjoni tal-flussi ta' refuġjati u l-migrazzjoni jikkonfermaw il-bżonn ta' azzjoni fuq livell Ewropew. Il-baġit tal-UE għandu rwol ewlieni fil-finanzjament ta' rispons komuni għad-diversi dimensjonijiet tal-kriżu migratorja. Il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-għajnuna sabiex insaħħu l-fruntieri esterni tagħna, sabiex intejbu s-sistema ta' ażil fl-Unjoni, u biex nintensifikaw il-ġestjoni u l-integrazzjoni fit-tul tal-migranti.

Il-**protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tagħna** hija pre-rekwiżit għall-garanzija ta' żona sikura għall-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija fl-Unjoni. Din tinkludi l-ġestjoni tajba tal-flussi ta' persuni u merkanzija u s-salvagwardja tal-integrità tal-unjoni doganali. **Fond integrat ġdid għall-Ġestjoni tal-Fruntieri** jipprovdi għajnuna vitali u msaħħa għall-Istati Membri bir-responsabbiltà konġunta għas-sigurtà tal-fruntieri esterni komuni tal-Unjoni. Il-Fond ikopri l-ġestjoni tal-fruntieri, il-viżi u t-tagħmir ta' kontroll doganali. Huwa jgħin jiżgura l-ekwivalenza fil-prestazzjoni tal-kontrolli doganali mal-fruntieri esterni. L-ekwivalenza tinkiseb billi jiġu indirizzati l-iżbilanċi attwali bejn l-Istati Membri minħabba differenzi ġeografiċi, fil-kapaċità u fir-riżorsi. Jiġu msaħħa mhux biss il-kontrolli doganali iżda jiġi ffaċilitat ukoll il-kummerċ leġittimu, li jikkontribwixxi għal unjoni doganali sikura u effiċjenti.

F'dinja dejjem aktar interkonnessa u minħabba d-dinamiki demografiċi u l-instabbiltà fil-viċinat tal-Ewropa, il-migrazzjoni se tibqa' sfida fit-tul għall-Unjoni. Huwa ċar li din is-sitwazzjoni tista' tiġi ġestita aħjar mill-Istati Membri, bl-għajnuna finanzjarja u teknika tal-UE. Ir-rwol tal-baġit tal-UE huwa għalhekk kruċjali biex jappoġġa l-ġestjoni tal-applikanti għall-ażil u l-migranti, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' tiftix u salvataġġ biex jiġu salvati ħajjet dawk in-nies li jkunu qegħdin jippruvaw jaslu fl-Ewropa, fil-ġestjoni tar-ritorni effettivi u f'miżuri oħra li għandhom bżonn rispons ikkoordinat lil hinn mill-kapaċità ta' Stati Membri individwali.

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-**Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni** sabiex tgħin il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex jipprovdu servizzi ta' akkoljenza lill-applikanti għall-ażil u lill-migranti fil-perjodu immedjatament wara l-wasla tagħhom fuq territorju Ewropew, kif ukoll biex jiżviluppaw politika komuni dwar l-asil u l-immigrazzjoni u jiżguraw ritorni effettivi. Il-Politika ta' Koeżjoni tipprovdi għajnuna sabiex tiffaċilità l-integrazzjoni fit-tul wara l-fażi inizjali ta' akkoljenza. L-istrumenti fil-politika esterna se jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u jsostnu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fuq kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sħubija dwar il-migrazzjoni.

Dawn l-isforzi għandhom jiġu kkumplimentati minn **Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX)** b'saħħitha u li topera bis-sħiħ f'sistema ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-UE integrata sew. Il-Kummissjoni tipproponi li toħloq korp permanenti ta' madwar 10 000 gwardja tal-fruntiera sal-aħħar tal-perjodu finanzjarju. Se tipprovdi wkoll l-għajnuna finanzjarja u t-taħriġ għaż-żieda fil-komponent tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali fl-Istati Membri. B'hekk il-kapaċità operattiva tiżdied, jiġu msaħħa l-għodda eżistenti u jiġu żviluppati sistemi ta' informazzjoni madwar l-UE għall-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà.

Globalment, il-baġit tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-migrazzjoni u l-flussi tar-refuġjati se jiżdied b'mod sinifikanti, u jlaħħaq kważi EUR 33 biljun, meta mqabbel ma' EUR 12,4 biljun għall-perjodu 2014-2020.

Fowkus b'saħħtu fuq il-migrazzjoni u l-protezzjoni tal-fruntiera esterna tagħna

F'biljun ta' euro, prezzijiet kurrenti



Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27 (stima)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

V. SIGURTÀ & DIFIŻA

Investiment fi:

- Is-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej
- Intejbu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Ewropa
- Rispons għall-kriżijiet

Matul l-aħħar snin, it-theddid għas-sigurtà intensifika u ddiversifika fl-Ewropa. Waslu fil-forma ta' attakki terroristiċi, tipi ġodda ta' kriminalità organizzata kif ukoll iċ-ċiberkriminalità. Is-sigurtà għandha dimensjoni transfruntiera inerenti u għalhekk huwa meħtieġ rispons b'saħħtu u kkoordinat mill-UE. Apparti l-isfidi ta' sigurtà interna, l-Ewropa qegħda tħabbat wiċċha ma' theddid estern kumpless li l-ebda Stat Membru ma jista' jsolvi waħdu. Biex tkun lesta tipproteġi liċ-ċittadini tagħha, l-Ewropa għandha bżonn bidla biex ittejjeb l-awtonomija strateġika tagħha u biex tibni strumenti sempliċi u mfassla tajjeb b'rabta mad-difiża.

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-**Fond għas-Sigurtà Interna** sabiex tiżviluppa netwerks u sistemi komuni għall-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali u biex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni biex taffaċċja dan it-theddid għas-sigurtà. Il-Fond se jiġi kkumplimentat minn sforzi sabiex tissaħħaħ iċ-**ċibersigurtà** fil-programmi rilevanti kollha ffukati fuq it-teknoloġiji diġitali, l-infrastrutturi u n-netwerks, ir-riċerka u innovazzjoni kif ukoll id-difiża mmirata kontra ċ-ċibersigurtà, l-aktar permezz tal-Programm Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa.

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)**. L-Aġenzija tkun tista' żżid il-kapaċità tagħha li tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ħidma tagħhom u tipprovdi rispons Ewropew għat-theddid għas-sigurtà.

L-Unjoni se tkompli tipprovdi għajnuna finanzjarja strettament immirata għad-**dekummissjonament u s-sigurtà tal-attivitajiet nukleari** f'xi Stati Membri (il-Litwanja, il-Bulgarija u s-Slovakkja) kif ukoll l-installazzjonijiet nukleari tagħha stess. Il-baġit tal-UE se jipprovdi wkoll għajnuna dejjiema għas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali, tipprevjeni d-degradazzjoni ambjentali u tikkontribwixxi għas-sigurtà nukleari u s-sikurezza.

Fil-qasam tad-difiża, l-Unjoni se jkollha terfa' aktar responsabbiltà biex tipproteġi l-interessi, l-valuri u l-istil ta' ħajja Ewropea tagħha, li tikkumplimenta l-ħidma tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana. Filwaqt li l-Ewropa ma tistax tissostitwixxi l-isforzi tal-Istati Membri fid-difiża, hija tista' tħeġġeġ u tingrana l-kollaborazzjoni tagħhom fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża meħtieġa sabiex tindirizza l-isfidi komuni għas-sigurtà. Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-**Fond Ewropew għad-Difiża** li għandu l-għan li jrawwem il-kompetizzjoni u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża mal-Unjoni kollha billi tappoġġa miżuri kollaborattivi f'kull stadju taċ-ċiklu industrijali, l-ewwel bir-riċerka. Dan jevita d-duplikazzjoni, jippermetti l-ekonomiji ta' skala u fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta f'użu aktar effiċjenti ta' flus il-kontribwenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni ssaħħaħ l-infrastrutturi tat-trasport strateġiċi tagħha sabiex ikunu adatti għall-**mobbiltà militari**, permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

L-iżviluppi f'dawn l-aħħar snin juru li l-Unjoni trid tkun kapaċi tuża' l-assistenza operattiva malajr biex taffaċċja żviluppi mhux mistennija, id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni qegħda tipproponi li żżid ir-riżorsi disponibbli għar-**rispons għall-kriżijiet**. Dan se jkun possibbli permezz tal-**Mekkaniżmu tal-**

Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU) msaħħaħ u **Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza** estiża, sabiex jiġu pprovduti mezzi finanzjarji ogħla mil-livelli massimi stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju f'każ ta' emerġenzi ġewwa jew barra l-Unjoni. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jkun hemm **riżervi mhux allokati** f'ċerti programmi, bħall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna, biex jintużaw f'sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi.

Qabża ta' kwalità għas-sigurtà u d-difiża

F'biljun ta' euro, prezzijiet kurrenti



Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27 (stima)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

VI. IL-VIĊINAT & L-BQIJA TAD-DINJA

Investiment fi:

- L-azzjoni esterna tal-Unjoni fil-viċinat tagħha, fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u fil-bqija tad-dinja
- Għajnuna għall-pajjiżi li qegħdin jippreparaw għall-adeżjoni mal-Unjoni

L-isfidi għall-azzjoni esterna tal-UE, inklużi dawk stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, il-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, jeħtieġu modernizzazzjoni sostanzjali tad-dimensjoni esterna tal-baġit sabiex iżżid l-effettività u l-viżibbiltà tagħha. Il-politiki esterni u interni għandhom bżonn koordinazzjoni aqwa sabiex jiġu implimentati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, kif ukoll il-Qafas ta' Sħubija ma' pajjiżi terzi fuq il-migrazzjoni.

Il-Kummissjoni għalhekk qegħda tipproponi **ristrutturar kbir** tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni biex ikun hemm aktar koerenza bejn l-istrumenti, biex tisfrutta l-ekonomiji ta' skala u s-sinerġiji bejn il-programmi u biex tissimplifika l-proċessi. L-Unjoni b'hekk tkun f'qagħda aħjar biex taħdem fuq l-għanijiet tagħha u tipproġetta l-interessi, il-politiki u l-valuri tagħha globalment.

L-arkitettura proposta l-ġdida għall-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni tirrifletti l-bżonn ta' attenzjoni fuq il-prijoritajiet strateġici kemm ġeografikament - il-**Viċinat** tal-Ewropa, **l-Afrika u l-Balkani tal-Punent**, kif ukoll il-pajjiżi li huma fraġli u l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll tematikament - is-sigurtà, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u drittijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni tipproponi li tiġbor flimkien il-parti l-kbira tal-istrumenti eżistenti tagħha fi **Strument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni internazzjonali** wiesgħa b'kopertura globali. L-arkitettura finanzjarja se tiġi ssimplifikati aktar permezz tal-**integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp**, li s'issa huwa l-istrument ewlieni tal-UE li jipprovdi assistenza lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u lill-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej[16].

L-istrument wiesa' se jkollu allokazzjoni tal-baġit riservati għal kull reġjun ġeografiku, inklużi l-Viċinat u l-Afrika. Fl-istess ħin se joffri aktar flessibbiltà fl-għoti ta' rispons u firxa usa' ta' għażliet għal miżuri sabiex il-prijoritajiet tal-Unjoni jinqdew aħjar. Se jinkludi wkoll "**kuxin għal sfidi u prijoritajiet emerġenti**" li jippermetti l-flessibbiltà b'rispons għal prijoritajiet urġenti, eżistenti jew emerġenti, l-aktar fl-oqsma tal-istabbiltà u l-migrazzjoni.

Fuq il-bażi tal-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli tiegħu, **arkitettura ġdida għall-investiment estern** se tippermetti l-"attrazzjoni" ta' riżorsi addizzjonali minn donaturi oħra u mis-settur privat. Hija se tgħin tindirizza l-isfidi fl-iżvilupp, għaliex tikkumplimenta l-għotjiet b'garanziji baġitarji, strumenti oħra bbażati fuq is-suq, assistenza teknika, "taħlit", u potenzjalment il-parteċipazzjoni fil-kapital tal-istituzzjoniijiet finanzjarji għall-iżvilupp, b'avvanz ulterjuri tal-għanijiet u l-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-**assistenza makrofinanzjarja** se tgħin biex jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet ekonomiċi.

[16] Il-proposta tal-Kummissjoni għall-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp hija fost l-elementi li għandhom bżonn żieda fil-livell limitu tar-Riżorsi Proprji. Huwa essenzjali wkoll li r-regoli tal-Istrument ta' Viċinat, Żvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali jkollhom dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà simili għal stabbiliti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp attwali.

L-**Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni** se jgħin lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali fi triqthom lejn is-sodisfar tal-kriterji tal-adeżjoni. Se jgħin ukoll fil-kisba tal-għanijiet usa' Ewropej ta' stabbiltà, sigurtà u prosperità fil-viċinat immedjat tal-Unjoni. Se jkun f'pożizzjoni ukoll fil-kuntest tal-Istrateġija għall-Balkani tal-Punent u jirrifletti l-iżviluppi b'rabta mat-Turkija.

Flimkien mal-imsieħba internazzjonali tagħha u l-miżuri tal-Istati Membri, l-Unjoni se tkompli taqdi r-rwol ewlieni tagħha fl-assistenza umanitarja. Il-Kummissjoni tipproponi **strument imsaħħaħ għall-Għajnuna Umanitarja** biex twassal għajnuna tal-UE bbażata fuq il-ħtiġijiet biex isalva u tippreserva l-ħajjiet, tipprevjeni u ttaffi s-sofferenza umana, u tissalvagwardja l-integrità u d-dinjità tal-popolazzjonijiet affettwati mid-diżastri naturali jew mill-kriżijiet ikkawżati mill-bniedem.

L-Ewropa bħala attur globali b'saħħtu

F'biljun ta' euro, prezzijiet kurrenti



Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (stima)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-Unjoni trid tagħti sehemha wkoll fil-prevenzjoni tal-kriżijiet, ir-ritorn ta' stat ta' paċi, l-ordni pubblika, jew l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiżi u r-reġjuni kollha fid-dinja li qegħdin jaffaċċjaw kunflitt jew diżordni. Skont it-Trattati, il-baġit tal-UE ma jistax ikopri l-oqsma kollha ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà esterna u d-difiża. Dan affettwa l-impatt, l-effettività u s-sostenibbiltà tal-azzjoni ġenerali tal-UE. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, se tipproponi mekkaniżmu ta' finanzjament *extra*-baġitarju separat, il-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**, biex

tindirizza din il-kwistjoni. Din il-Faċilità għandha l-għan li tagħlaq id-distakk attwali fil-kapaċità tal-UE li tmexxi l-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża komuni u tipprovdi l-assistenza militari u tad-difiża lill-pajjiżi terzi rilevanti, u lill-organizzazzjoni internazzjonali u reġjonali. Permezz tal-Faċilità l-Unjoni se tkun tista' tagħmel aktar u taġixxi aktar malajr biex tipprevjeni l-kunflitti, tippromwovi s-sigurtà tal-bniedem, tindirizza l-instabbiltà u taħdem għal dinja aktar sikura.

VII. L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

Investiment fi:

- Amministrazzjoni pubblika moderna u effiċjenti għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej kollha.

L-amministrazzjoni pubblika Ewropea hija żgħira meta mqabbla mal-amministrazzjonijiet nazzjonali u saħansitra ħafna amministrazzjonijiet lokali u reġjonali. Madankollu, għandha rwol kruċjali għaliex tgħin lill-Unjoni tagħti riżultati fil-prijoritajiet tagħha u biex timplimenta l-politiki u l-programmi tagħha fil-interess komuni Ewropew.

Fi snin riċenti, l-amministrazzjoni Ewropea għaddiet minn **riforma profonda**. Bħala parti mill-ftehim fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali f'Diċembru 2013, ir-riforma tar-regolamenti tal-persunal introduċiet **miżuri sinifikanti ta' effiċjenza**[17]. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ftehmu li j**naqqsu l-ammont tal-persunal b'5 %**. Il-Kummissjoni qegħda timplimenta dan l-impenn bis-sħiħ u korpi, istituzzjonijiet u aġenziji oħra wkoll qegħdin jimplimentaw dan it-tnaqqis, li wassal għal tnaqqis tas-sehem relattiv tal-persunal tal-Kummissjoni fil-korpi Ewropej kollha. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dan l-aħħar ikkonkludiet li t-tnaqqis intlaħaq b'mod ġenerali mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha.

Għandu jiġi nnutat li dawn ir-riformi saru fi żmien meta l-persunal tal-Unjoni kellu jaħdem iktar, jassumi kompiti ġodda f'oqsma ta' prijorità ġodda u jindirizza sfidi mhux mistennija bħall-migrazzjoni u l-kriżi tar-refuġjati.

L-amministrazzjoni pubblika Ewropea għandha tara kif taħdem bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tara kif tagħmel l-aħjar użu mis-sinerġiji u l-effiċjenzi. Madankollu, l-amministrazzjoni għandu jkollha r-riżorsi meħtieġa biex taqdi l-funzjonijiet essenzjali tagħha. Il-bżonn ta' investiment fit-teknoloġija tal-informatika u fl-aġġornament tal-bini mhux se jisparixxi fil-futur. L-irtirar tar-Renju Unit se jwassal għal riorjentazzjoni limitata ta' wħud mill-funzjonijiet tal-amministrazzjoni iżda l-iskop tal-attivitajiet se jibqa' l-istess - u f'xi oqsma ġodda ta' prijorità se jiżdied. Is-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretarjat fil-lingwa Ingliża mhux se jiġu affettwati lanqas.

Il-livell massimu stabbilit għan-nefqa amministrattiva tal-Unjoni fl-2020 jirrappreżenta 6,7 % tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali globali. Dan ikopri nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet Ewropej kollha, il-pensjonijiet u l-ispejjeż tal-Iskejjel Ewropej. Wara l-isforsi notevoli li għamlet il-Kummissjoni fil-perjodu kurrenti, tnaqqis ulterjuri jdaħħal dubju dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE u t-twassil u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki.

[17] Dawn ir-riformi kienu jinkludu l-iffriżar tas-salarju għal sentejn flimkien ma' żieda fil-ħin tax-xogħol għal 40 siegħa fil-ġimgħa mingħajr kumpens, l-introduzzjoni ta' skala tas-salarji iktar moderata għall-impjiegi tas-segretarji u l-iskrivana, u tnaqqis fil-liv annwali. Ir-riforma affettwat ukoll b'mod sostanzjali l-intitolament tal-pensjoni minħabba tnaqqis fis-salarji fl-aħħar tal-karriera, età tal-irtirar ogħla u tnaqqis fir-rata ta' intitolament tal-pensjoni.

Unjoni Ewropea b'saħħitha b'ħafna kompiti addizzjonali fdati lilha mill-Istati Membri għandha bżonn servizz pubbliku flessibbli u effiċjenti, **li kapaċi tattira nies b'talent mill-Istati Membri *kollha*** biex jaħdmu għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li żżomm is-sitwazzjoni tan-nefqa amministrattiva kif inhi[18].

4. IT-TQABBIL TAL-PRIJORITAJIET MAR-RIŻORSI

Sabiex il-prijoritajiet politiċi miftehma fuq livell Ewropew jagħtu l-frott fil-prattika, programmi mfassla tajjeb irid ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jagħmlu differenza. Kif ġie spjegat fil-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni fil-Laqgħa Informali tal-Mexxejja fi Frar[19], id-deċiżjonijiet meħuda dwar livelli ta' finanzjament għall-baġit futur fit-tul ma jistgħux jiġu separati mill-ambizzjonijiet tal-Unjoni f'kull waħda mill-oqsma ta' prijorità.

Il-proposti tal-Kummissjoni huma bbażati fuq valutazzjoni komprensiva tar-riżorsi meħtieġa għat-twassil effiċjenti tal-għanijiet tal-Unjoni, u tal-effiċjenza u l-valur miżjud tan-nefqa f'kull qasam. Permezz ta' programmi mfassla tajjeb, l-implimentazzjoni effiċjenti u t-taħlit intelliġenti ma' sorsi oħra ta' finanzjament, anki baġit tal-UE modest jista' jkollu impatt sinifikanti. Madankollu, hemm limiti fuq dak li jista' jsir u, jekk l-Ewropa tixtieq timxi l-quddiem flimkien fuq l-aġenda pożittiva tagħha, se jkollha bżonn baġit adattat għaliha.

L-isfida prinċipali għall-baġit futur tal-UE hija li jkun jista' jipprovdi għajnuna xierqa għal prijoritajiet ġodda u eżistenti filwaqt li jindirizza wkoll it-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet nazzjonali minħabba l-irtirar tar-Renju Unit. Il-Kummissjoni tipproponi **approċċ bilanċjat**. Il-prijoritajiet il-ġodda jinħtieġ li jiġu ffinanzjati l-aktar minn riżorsi ġodda. In-nuqqas minħabba l-irtirar tar-Renju Unit għandu jiġi kkumpensat parzjalment minn riżorsi ġodda u l-bqija mit-tfaddil u r-riorganizzazzjoni mill-programmi eżistenti.

Sabiex il-baġit tal-UE jagħti kontribut siewi f'ħafna mill-oqsma ta' prijorità ġodda, b'mod partikolari fejn qegħdin jinħolqu strumenti ġodda, il-livelli kurrenti ta' finanzjament jridu jiżdiedu. L-investiment minn issa f'oqsma bħar-riċerka u l-innovazzjoni, fiż-żagħżagħ u l-ekonomija diġitali jsarraf fi gwadanji kbar għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dan huwa għalfejn il-Kummissjoni tipproponi żidiet sostanzjali fl-oqsma ta' prijorità.

[18] Fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali fl-2023, il-Kummissjoni se tirrifletti dwar il-vijabbiltà tal-ħolqien ta' fond għall-pensjonijiet ibbażat fuq il-kapital għall-persunal tal-UE.

[19] COM(2018) 98.

Prijoritajiet ġodda u msaħħa għall-Unjoni ta' 27



Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (stima)

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni eżaminat b'mod kritiku fejn jista' jsir xi tfaddil mingħajr ma jiġi mxekkel il-valur miżjud tal-programmi tal-UE. Bħala parti minn dan l-isforz, il-Kummissjoni tipproponi li l-allokazzjoni tal-baġit għall-Politika Agrikola Komuni u l-Politika ta' Koeżjoni tiġi mnaqqsa moderatament biex tirrifletti l-kuntest il-ġdid u tillibera ftit riżorsi għal attivitajiet oħra. Il-modernizzazzjoni ta' dawn il-politiki se tħallihom ikompli jiksbu riżultati fl-għanijiet ewlenin tagħhom filwaqt li jikkontribwixxu wkoll fil-prijoritajiet il-ġodda. Il-Politika ta' Koeżjoni pereżempju se jkollha rwol dejjem aktar importanti fejn tgħin fir-riforma strutturali u l-integrazzjoni tal-migranti.

Ir-riżultati ta' dan it-tibdil se jkun riekwilibriju tal-baġit u fowkus ikbar fuq l-oqsma fejn il-valur miżjud Ewropew huwa l-ogħla.

L-evoluzzjoni tal-oqsma ewlenin ta' politika fil-baġit tal-UE



*Aġġustat għat-tkabbir fl-1995

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Globalment, permezz ta' taħlita ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali u tfaddil, il-Kummissjoni tipproponi Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' EUR 1 279 biljun f'impenji matul il-perjodu 2021-2027, li huwa ekwivalenti għal 1,114 % tad-dħul nazzjonali gross tal-UE 27. Dan jista' jitqabbel mad-daqs tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti f'termini reali li jinkludi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp[20].

[20] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jikkorrispondi għal madwar 0,03 % tad-dħul nazzjonali gross tal-UE 27.

Id-daqs tal-baġit tal-UE bħala perċentwal tad-dħul nazzjonali gross (DNG)



Dan il-livell ta' impenji jsarraf f'EUR 1 246 biljun f'pagamenti, li jikkorespondu għal 1,08 % tad-dħul nazzjonali gross tal-UE 27, biex jimplimenta l-programmi ta' nfiq attwali u futuri sal-2027. Sabiex tiżgura konformità mal-livelli massimi tar-riżorsi proprji tagħha attwalment fis-seħħ, b'mod partikolari fl-ewwel sentejn tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis fir-rata ta' pre-finanzjament għall-Politika ta' Koeżjoni u l-programmi għall-iżvilupp rurali.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost se jopera għal sebgħa snin, mill-2021 sal-2027, b'**rieżami ta' nofs it-terminu** fl-2023. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-mertu tas-sinkronizzazzjoni progressiva tat-tul ta' żmien tal-Qafas Finanzjarju maċ-ċiklu politiku ta' ħames snin tal-istituzzjonijiet Ewropej. Madankollu, l-għażla ta' ċiklu ta' ħames snin fl-2021 ma toffrix allinjament ottimali[21]. Permezz taċ-ċiklu propost ta' seba' snin, il-Kummissjoni li tassumi l-kariga wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 ikollha l-opportunità li tippreżenta, jekk tkun tixtieq, qafas ġdid ta' ħames snin, li jibda mill-2028.

[21] Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar "Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss: It-Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2020", punt 23.

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-27)

(EUR miljun - prezzijiet kurrenti)

Approprjazzjonijiet tal-Impenji	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġital	**25,421**	**25,890**	**26,722**	**26,604**	**27,000**	**27,703**	**28,030**	**187,370**
2. Koeżjoni u Valuri	**54,593**	**58,636**	**61,897**	**63,741**	**65,645**	**69,362**	**68,537**	**442,412**
Li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	48,388	49,890	51,505	53,168	54,880	56,647	58,521	373,000
3. Riżorsi Naturali u l-Ambjent	**53,403**	**53,667**	**53,974**	**54,165**	**54,363**	**54,570**	**54,778**	**378,920**
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40,300	40,527	40,791	40,931	41,072	41,214	41,357	286,195
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	**3,264**	**4,567**	**4,873**	**5,233**	**5,421**	**5,678**	**5,866**	**34,902**
5. Sigurtà u Difiża	**3,347**	**3,495**	**3,514**	**3,695**	**4,040**	**4,386**	**5,039**	**27,515**
6. Viċinat u d-Dinja	**15,669**	**16,054**	**16,563**	**17,219**	**18,047**	**19,096**	**20,355**	**123,002**
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	**11,024**	**11,385**	**11,819**	**12,235**	**12,532**	**12,949**	**13,343**	**85,287**
Li minnha: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8,625	8,877	9,197	9,496	9,663	9,951	10,219	66,028
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-IMPENJI	**166,721**	**173,694**	**179,363**	**182,892**	**187,047**	**193,743**	**195,947**	**1,279,408**
bħala perċentwali tad-DNG	1.12%	1.13%	1.13%	1.12%	1.11%	1.11%	1.09%	1.11%
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-ĦLAS	**159,359**	**163,969**	**177,350**	**180,897**	**184,515**	**188,205**	**191,969**	**1,246,263**
bħala perċentwal tad-DNG	1.07%	1.07%	1.12%	1.10%	1.09%	1.08%	1.07%	1.08%
Marġini disponibbli	0.22%	0.22%	0.17%	0.19%	0.20%	0.21%	0.22%	0.21%
Livell massimu tar-riżorsi propji bħala perċentwal tad-DNG*	1.29%	1.29%	1.29%	1.29%	1.29%	1.29%	1.29%	1.29%
**Dawn il-perċentwali huma mingħajr preġudizzju għal livell massimu stabbilit fid-Deċiżjoni attwalment fis-seħħ dwar ir-Riżorsi Propji*								
